MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 413/2005

**Citadel Insurance p.l.c. (C-21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha John Buttigieg, sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess John Buttigieg (ID83260M)
vs
Melanie Azzopardi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Frar, 2005, fejn intalab il-hlas ta' mija u sitta u sittin lira Maltija u disgha u tletin centezmu (Lm166.39), liema somma tirraprezenta danni sofferti mill-attur John Buttigieg, in kwantu s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) rapprezentanti excess, u in kwantu l-bilanc rapprezentanti danni ohra sofferti mill-istess attur fil-vettura tal-ghamla Hyundai Excel bin-numru ta' registrazzjoni CAI-571 assikurata mas-socjeta` attrici, li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess socjeta` attrici, u liema danni gew ikkawzati in segwitu ghall-**

**incident awtomobilistiku li sehh nhar l-14 ta' Awissu, 2003, fi Triq ic-Cawsli, limiti ta' Haz-Zabbar, Zejtun bejn il-vettura msemmija hawn fuq u misjuqa minn Anna Buttigieg, u proprjeta` tal-attur John Buttigieg, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAN-686 misjuqa mill-konvenuta, u ghal liema danni tahti unikament l-istess konvenuta minhabba imperizja, traskuragni, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku.**
**Il-konvenuta ghalkemm interpellata, baqghet inadempjenti.**
**Bl-ispejjez, u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenuta, ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fit-8 ta' Marzu, 2005, fejn intqal li l-konvenuta m'ghandha taghti xejn lis-socjeta` assikurattrici peress li l-unika hsara li garrbet il-vettura ta' John Buttigieg kien fanal fil-bumper ta' wara. Il-konvenuta taghat il-fanal in kwistjoni lill-istess John Buttigieg, sid il-vettura, u ghalhekk il-pendenza bejniethom giet risolta.**
**Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.**

**Semgha x-xhieda ta' Anna Buttigieg, John Buttigieg, Natalino Agius, Anthony Azzopardi, Joe Vella u Melanie Azozopardi. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Skond verbal tat-12 ta' April, 2005, il-partijiet qablu li ma hemmx kontestazzjoni dwar il-punt ta' responsabilita`, u cioe` li ghall-incident kienet tahti unikament Melanie Azzopardi. Il-kontestazzjoni ghalhekk hi limitata dwar il-quantum tad-danni.**
**2. Jirrizulta li l-partijiet ippruvaw jirrangaw l-affarijiet bejniethom, pero` minhabba suspetti, jew ghax ma kienx hemm qbil dwar il-hsara ezatta li ggarbet f'dawn it-tenttativi fallew.**
**3. Il-habta kienet purament il-bumper ta' quddiem tal-vettura tal-konvenuta mal-bumper ta' wara tal-**

**vettura tal-attur, u l-hadida tat-towing tal-istess vettura tal-konvenuta baqghet diehla tkisser il-fog lamp tal-vettura tal-attur.**
**4. Is-surveyor ta' Citadel Insurance. Ma liema nzertaw assikuarti iz-zewg sewwieqa, fis survey tieghu jindika l-ammont ta' danni fis-somma ta' mija u hamsa u hamsin lira u sebghin centezmu.**
**5. Jirrizulta li l-attur John Buttigieg inzerta hadem ma' Citadel Insurance, pero` ma hemmx prova li dan b'xi mod influwixxa fuq dik l-istima s-surveyor.**
**6. Ghandu jinghad li l-fog lamp kienet giet rimpjazzata mill-istess konvenuta, billi din xtrat wahda gdida, li giet accettata mill-attur.**
**7. Il-problema li kien hemm kienet tirrgwarda il-bumper. Ma hemmx qbil dwar li l-bumper kien maqsum bhala konsegwenza tal-kollizzjoni. Hemm xhieda totalment konfliggenti fir-rigward. Biex jitranga dan il-bumper, skond Natalino Agius, l-ispiza kienet tkun ta' hmistax-il lira (Lm15) u ghoxrin lira (Lm20) apparti jumejn loss of use bir-rata ta' Lm5.75 piu` l-VAT. Bumper gdid kien jiswa tletin lira (Lm30). Rilevanti dak li qal s-surveyor fis-sens li ma setghax jikkonstata jekk il-karozza habtitx aktar minn darba. Rilevanti wkoll li hawn si tratta ta' vettura li kienet ila circa ghaxar snin fuq it-triq.**
**8. Ma hemmx dubbju li d-daqqa kienet fil-bumper. Ma hemmx dubbju li xi grif dan il-bumper garrab. Ma jirrizultax li nqasam, pero` jirrizulta li il-bracket ta' taht tghawweg, tant li l-bumper resaq lejn ir-rota ta' wara.**
**9. Ghalhekk tenut kont ta' dan kollu t-Tribunal ma jqiesx gustifikata t-talba ghall-bumper gdid, anke tenut kont li dan ma kienx xi bumper gdid. Pero` t-Tribunal iqies gustifikata t-talba ghar-riparazzjonijiet, illi arbitrio boni viri qed jiffissa fis-somma ta' sebgha u tmenin lira Maltija u sebgha u tmenin centezmu (Lm87.87).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li qed jiidkjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall incident de quo, qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' sebgha u tmenin lira Maltija u sebgha u tmenin centezmu (Lm87.87) u konsegwentement jikkundanna**

**lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tnejn u sittin lira Maltija u sebgha u tmenin centezmu (Lm62.87), u lill-attur John Buttigieg is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija, ilkoll bl-imghax legali dekoribbbli mill-lum sad-data tal-hlas effettiv.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------